KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Wieħed u Sittin (61)

## It-Tnejn, 15 ta' April , 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**63.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**63.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-wieħed u sittin (61) laqgħa tal-15 ta' April 2019 u tat-tnejn u sittin (62) laqgħa b'urġenza ta' 29 ta' April ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**63.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. Dawn il-Kontijiet kienu:- overtime tal-CWS, Michelle Camilleri, Inserv u Leiperks.

Is-sindku ta update tas-sitwazzjoni finanzjara. Hu innota li daħħlu 8,000 euro fuq ic-Charter li total il-Kunsill irċieva madwar 24,000 euro. Għad baqa li nirċievu ukoll re-imbursement fuq il-karnival tal-MGOZ u ta' l-iskema tad-DLG. Ir-Refund fuq dawk li attendaw ic-Charter daħħlu ukoll u ser jiġu reimbursed. Kien hemm qbil li jitħallas l-ammont ta' 15,000 euro pendenti fuq id-deficit tat-toroq. Ser jinħargu ukoll l-ammont ta' 500euro kollaborazzjoni ma' l-għaqda tal-Pjazza kif kien maqbul fil-minuti tas-sena l-oħra.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**63.4. 'Administrative Report 2018' u l-'Management Reply & Report 2018'**

Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-Accountant tal-Kunsill. Wara diskussjoni mal-Accountant dawn ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

L-Accountant tal-Kunsill, Michelle Camilleri għamlet kumment rigward il-ħidma tal-Kunsill fir-rigward tal-finanzi f'din il-legislatura. Hi qalet li kuntenta ħafna għaliex kull expenditure li kien hemm il-Kunsill ħadem biex jara li tkun necessarja u biex ipatti ghaliha, u l-attivitajiet xorta baqgħu għaddejjin. Hi kompliet tgħid li kollox maħdum fuq *actual figures* u qatt ma sabet diffikulta' biex titkellem fuq il-Finanzi tal-Kunsill peress li hemm trasparenza kbira f'dan il-qasam.

Is-Sindku rringrazzja lil-Accountant tal-Kunsill, Michelle Camilleri li kienet ta' assistenza għal Kunsill tan-Nadur u dejjem fehmet il-każijiet tagħna. Dejjem kienet f'kuntatt magħna biex u dejjem kien hemm transperanza u onesta fl-Accounts li dan huwa unur kbir.

Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud, għamlet mozzjoni biex il-Kumitat tal-Finanzi moħluq bis-saħħa tal-liġi jiġi xolt invista tal-fatt li din il-legislatura ser tiġi fi tmiem. Din il-mozzjoni ġiet sekondata minn Michael Camilleri u ivvutaw favur il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri u s-Sindku.

## 63.5 Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Mozzjonijiet

***Update ħsarat Daħlet Qorrot u San Blas –*** Is- Sindku innota li saru x-xogħolijiet li kien hemm bzonn fil-bajja ta' Daħlet Qorrot minn naħa tal-Gvern u anke minn naħa tal-Kunsill flimkien. Rigward il-Bajja ta' San Blas ser imorru tal-gvern wara li jitlesta x-xogħolijiet fuq il-Bajja ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil li jsir ix-xoghol li hemm bzonn minn naha tal-Kunsill.

Is-Segretarja innotat li kellha ilment li nizla t-triq ta' Daħlet Qorrot. Ġew informati l-MGOZ b'dan u sejjer il-Perit tal-Kunsill jagħmel BOQ fuq dan biex jintbgħat lil MGOZ.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li hemm bzonn li jitranga it-taraġ f'Daħlet Qorrot li jinżel ħdejn ir-raba. Kien hemm qbil fuq dan.

***Urban Greening Project*** – Is-Sindku innota li ġie iffirmat l-kuntratt u l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' 30,000 euro fuq dan il-Proġett. Is-Sindku innota ukoll li wara li applikajna fuq skema oħra ta' sigar ser nirċievu 15-il siġra oħra għal l-area ta' Xurdin ukoll.

***Gemellagg ma' Baveno – Ġita*** – Is-Sindku spjega kemm ġejna milqugħin tajjeb, u dan kien konfermat mill-Viċi Sindku, li faħħar dawn l-inizzjattivi.

***Tqassim Boroż Skart Orġaniku –*** Dawn ser jitqassmu mill-Għaqda Diċembru 13. Kien hemm qbil fuq dan.

***Fuljett tal-Kunsill***- Dan ser jitqassam mill-Għaqda Diċembru 13. Kien hemm qbil fuq dan.

## 61.5. Korrispondenza.

(6479) Ittra minghand DLG dwar cerimonja ta' gurament

(6480) Cirk. SPI8/2019-Light up the night

(6481) Ittra minghand DLG dwar mock sessikon tac-cerimonja tal-guranata

(6482) POC91/2019- the role of local councils in sustainable wast management contract duration

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6483) SPI 6.2019- Espressjoni ta' nteress ghall-programm ghaqal id-dar

(6484) DG/K/04/2019- Zvilupp u Implimentazzjoni ta' strategija kulturali ghall-Kunsilli Lokali

(6485) Cir AKL 2019/040 Rati tal-Baned

(6486) Kompetizzjoni – Premju Nazzjonali ghal Appogg lill-Intrapriza 2019

(6487) Finanzjament ta' Progetti Kapitali – Apparat ghal Sistemi ta' Irrigazzjoni

(6488) Call for nominations: UNESCO World Book Capital 2021

(6489) ATTN: LIFE Programme – Application Calls for 2019

(6490) Cirkulari Numru 4/2019 – Elezzjonijiet ghall-Gvern Lokali

(6491) Cirkulari Numru 5/2019 – Elezzjonijiet ghall-Gvern Lokali(25 ta' Mejju 2019) – l-Ufficcji Amministrattivi tar-Regjuni u tal-Kunsilli Lokali ghandhom jinzammu maghluqa

(6492) POC 23/2019 – Sejhiet ghall-offerti u kuntratti mahruga mill-Kumitati Regjonali waqt il-process tar-Riforma

(6493) Cir AKL 2019/042 – Grazzi lill-Kunsilliera u Awguri lil dawk li ser jikkontestaw l- Elezzjonijiet Kunsilli Lokali Mejju 2019

(6494) Espressjoni ta' interess mill-Kunsilli Lokali ghal thawwil ta' sigar

(6495) Cirkulari Numru 6/2019 – CCTV cameras installati mill-Kunsilli Lokali

(6496) Finanzjament ta' Progetti Kapitali – Apparat ghal Sistemi ta' Irrigazzjoni

(6497) Cirkulari Numru 7/2019 – Rforma Gvern Lokali – Emendi fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363)

(6498) UNESCO Regional Bureau Venice (Italy)- call for applications Turin regional workshop 2019

(6490) Cirkulari Numru 8/2019 – Manutenzjoni ta' sinjali u marki stradali fil-lokalitajiet

(6491) 2nd Edition of the Istanbul Environment Friendly City Award

*Is-Segretarja innotat li kien hemm ukoll dokumenti relatati mal-Elezzjonijiet 2018 li intbgħatu lil Kunsilliera.*

## 63.6 Attivitajiet u Inizjattivi;

***Attivita' tal-volontiera-*** Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku innotaw li din l-attivita' kienet ta' suċċess. Kienu kuntenti u li ilhom jixtiequ li jsir din it-tip ta' attivita' fejn jiġu rringrazzjati l-volontiera kollha. Dr. Rita Mifsud innotat li kien hemm sens ta' komunita'.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Attivita' tat-Tfal*** – Din l-attivita' kienet organizzata tajjeb ħafna u t-tfal ħadu ħafna gost. Kien hemm għalliema li ġew volontiera u first aider ukoll prezenti waqt l-attivita'.

***Clean up ta' Kenuna Area***- Is-sindku innota li din ukoll kienet organizzata ħafna u dan grazzi għal Luke Galea u l-volontiera tal-grupp 'Nadur Nadif'.

***Charter Estonia Annual Meeting 18-22 ta' Lulju 2018–*** Is-Sindku innota li ser jattendu l-Viċi Sindku, Is-Segretarja Ezekuttiva, Natalie Cassar, Miriam Grech, Kylie Pace, Kristen Camilleri, Peter Muscat u Mario Mercieca. Dawn kollha kienu nvoluti fic-Charter tan-Nadur.

***Wirja Agrarja*** – Saturday (Greenfields, Mnarja Folk, Ghana Mario, Joe Attard prezentatur, Kavallieri Band), Sunday (Spiru Sillato, Cangura Folk, Ganni Saliba Ghana, Lily Said prezentatur). Stands (Wasteserv, Malta Rabbits, Ramla Valley, Crafts Jo Allison, Bizzilla).

***Attivita' tat-Tfal tal-Festa-*** Programm qed jitlesta minn Annette Portelli Said u Rebecca Bonello, u ser ikun kollu b'xejn, filwaqt li l-logħob ser ikun mikri mingħanda Jump Malta.

***Ikla Tradizzjonali-*** Qed inħejju programm ta entertainment imdawwar mal-Folk Band ta George Bonello. Ser ikun hemm il-karozzini u Mnarja Folk Group.

**61.7 Proġetti u Xogħolijiet;**

***Rural Roads –*** Is-Sindku innota li qed nistennew konferma fuq l-variations.

***Triq Madonna Lourdes –*** Sar site visit mal-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur biex ikun jista' jinbeda x-xogħol. Kien hemm qbil fuq dan.

***Railings Kenuna –*** Qed nistennew l-kuntratt ikun lest minn naħa tal-Development Planning Fund.

***Bozza Sqaq Majza*** – Kien hemm qbil li din il-bozza tiġi ordnata solar peress li issa Enemalta qed jgħidu li ma jistawx jagħmlu wiring.

**63.8 Offerti Pubbliċi;**

Ma kienx hemm offerti Pubbliċi

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 63.9 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku

Talba għal-bozza fi Triq San Koronatu. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-bozza fi Triq Wied ir-Riħan. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-Yellow lines fi Triq l-Arc Saver Cassar ma garaxx. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-kurduna biss għal bankina fi triq San Gwann. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-rampa tas-sement fi Triq l-Emigranti. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-gradilja għal ilqugħ ta' l- ilma fit-Triq ix-Xurdin. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal-sement taħt bankina fi Triq Vjal l-Imnarja. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm zewġ talbiet għal Reserved parking Bays. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm id-dokumenti neċċessarji u permess minn naħa ta' TM.

## 63.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

***Kummenti mill-Kunsilliera u Sindku dwar il-Ħidma f'din il-Legislatura:-***

***Sindku, Edward Said-*** Hu innota li qatt f'erba' snin bhala Sindku ma iddejjaq b'xi sitwazzjoni. Minkejja granet diffiċli xorta fl-aħħar tal-gurnata kien sodisfatt u kellu sostenn tal-Kunsilliera. Dejjem kien hemm rispett bejn kullhadd u li kien hemm ftehim, ftit kien hemm mumenti fejn kien hemm veduti differenti. Hu kompla jgħid li sodisfatt li ser iħalli Kunsill b'saħħtu fir-rigward ta' finanzi. Hu qal li dejjem intuzaw fondi minn skemi u l-bibien kienu miftuħa beraħ għal-Kull min ried jaħdem, hu min hu. Il-fatt li bhala Kunsill gejja elezzjoni u hawn kalma barra u hadd ma jista' jgħid xejn kontra huwa ta' sodisfazzjon kbira għalih. Hu qal ukoll li dak li ħadem għalih dan il-Kunsill jittama li ta' wara izommuh. Hu semma diversi affarijiet li dan il-Kunsill ħadem fuqhom.

***Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri-*** Hu qal li konna Kunsill qrib kullhadd u kien Kunsill maqgħud. Sibna problemi imma xorta bqajna għaddejjin. Hu qal li jixtieq li Kunsill li jiġi wara ikun bl-istess mottiv li jaħdem għal gid tan-Nadur. Huwa rringrazzja lis-Sindku u lil-Kunsilliera u qal li jekk jerggħa ikun f'Kunsill ieħor jibqa' jaħdem għar-raħal. Huwa rringrazzja lis-Segretarja, u il-Kunsilliera li mhux ser jergghu jikkontestaw fl-elezzjoni li jmiss. Huwa qal ukoll biex tintbgħat ittra lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar f'isem il-Kunsill biex nawgurawlha.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Kunsillier, Michael Camilleri*** - Hu qal li kienu erba' snien sbieħ ħafna għaliħ. Hu kompla jgħid li dejjem ħadem għal gid tan-Nadur u forsi kien hemm xi drabi fejn ċertu deċċizzjonijiet ma intogbux imma hu kuntent li kull deċizzjoni kienet biss għall-aħjar tan-Nadur u mhux għal affarijiet personali tiegħu. Huwa rringrazzja lis-Sindku talli ħalla lil Kulhadd jaħdem u talli biddel id-definazzjoni tal-Kunsill u fejn ergajna gejna l-Kunsill li hu l-għejra ta' kullhadd.

***Kunsilliera, Dr. Rita Mifsud*** – Hi innotat li dan huwa mument difficli għalija imma sodisfatta ħafna peress li għamlet 12 –il sena f'dan il-Kunsill. Hi kompliet tgħid li dejjem ħadmet għal qalbha specjalment f'din il-legislatura. Kien hemm team ta' ħiliet differenti. Lil Kull ċittadin konna qed nipprezentaw bhala Kunsill u dejjem ħdimna għal kull group ta' nies kemm zgħar u kbar. Hi qalet li qatt ma kellha dispjaċir u dejjem kellha sodisfazzjon. Hi rringrazzjat lis-Sindku talli ħalla lil Kullhadd jaħdem fuq il-kapaċita' tiegħu.

***Ambaxxatur taz-Zgħazagħ, Matthias Mercieca***- Hu innota li kienet sena li hu tgħallem ħafna. Hu kompla jgħid li kien Kunsill li laqa' zgħazagħ u kienu parti minn dan il-Kunsill. Ma kien qatt kunsill politiku izda Kunsill biex naħdmu flimkien għal gid tar-Raħal. Hu qal li jixtieq li min jiġi wara jaħdem għar-Raħal ukoll bhal dan il-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 12 ta' Gunju, 2019 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |